MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta’ Lulju, 2023

Appell Inferjuri Numru 87/2022 LM

**Akhilesh Jayanthibhai Prajapati**
*(‘l-appellat’)*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*(‘l-appellanta’)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata, hawnhekk ‘l-appellanta’ **Identity Malta Agency**, minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa ’l quddiem ‘il-Bord’], tal-20 ta’ Ġunju, 2022 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] li permezz tagħha l-Bord laqa’ l-appell tar-rikorrent

**Akhilesh Jayanthibhai Prajapati** [hawnhekk 'l-appellat'], u rrevoka d-deċiżjoni tal-appellanta tas-26 ta' Jannar, 2022.

## Fatti

2. Ir-rikorrent kien jinsab Malta abbażi ta' *Single Permit* sabiex jaħdem mal-kumpannija Poultons Limited, liema permess kien validu għall-perijodu bejn it-22 t'April, 2021 u s-6 ta' Mejju, 2022. L-impjieg tar-rikorrent ma' Poultons Limited ġie tterminat fil-15 ta' Mejju, 2021, u għalhekk il-Permess Uniku li kien ingħata abbażi ta' dan l-impjieg ma baqax validu. Ir-rikorrent qal li huwa ma kienx jaf li l-impjieg tiegħu ġie tterminat qabel id-29 ta' Settembru, 2021, u dan minkejja li wara ġimgħa biss fl-impjieg, il-prinċipal kien qallu biex ma jirrappurtax iżjed għax-xogħol għaliex ma kienx hemm biżżejjed xogħol. Fl-appell tiegħu quddiem il-Bord, ir-rikorrent spjega li huwa kien ġie infurmat mill-prinċipal tiegħu li peress li kienet faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, ma kienx hemm biżżejjed xogħol għalih mal-kumpannija li kien beda jaħdem magħha ftit qabel, iżda huwa kien ġie infurmat ukoll li hekk kif is-suq tax-xogħol jirpilja, huwa kien ser jiġi ingaġġat mill-ġdid ma' din il-kumpannija. Qal li huwa għamel żmien ma jaħdimx, imma minn żmien għal żmien kien imur il-kumpannija Poultons Limited sabiex jara jekk is-sitwazzjoni kinitx tjiebet. Qal li kien biss wara madwar erba' xhur li huwa ġie infurmat mill-intimata li l-impjieg tiegħu kien ġie tterminat, u li l-kumpannija Poultons Limited kienet iffirmatlu l-ittra ta' terminazzjoni fil-15 ta' Mejju, 2021 u ssottomettietha lill-awtoritajiet. Ir-rikorrent spjega li wara li huwa għamel il-verifiki tiegħu, JobsPlus bagħtitlu l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg fid-29 ta' Settembru, 2021, fejn id-data tat-

terminazzjoni tal-impjieg ġiet indikata bħala s-7 ta' Lulju, 2021. Qal li huwa ma ġiex infurmat bit-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu la mill-Aġenzija JobsPlus u lanqas minn Poultons Limited. Qal li wara li sab impjieg ġdid mal-kumpannija ACJ Cleaning Hospitality Service Limited, huwa ssottometta applikazzjoni ma' Identity Malta sabiex ikun hemm *change of employer,* iżda Identity Malta rrifjutatlu l-applikazzjoni. Ir-rikorrent qal li fi żmien riċenti huwa sab impjieg alternattiv mal-kumpannija Methode Electronics, li hija disposta li timlielu l-formuli appożiti bħala l-prinċipal il-ġdid tiegħu.

3. L-intimata laqgħet għar-rikors tal-appell tar-rikorrent billi qalet li dan għandu jitqies li huwa null għaliex ir-rikorrent naqas milli jressaq l-appell tiegħu fi żmien tliet ijiem mid-deċiżjoni. Qalet li hija ħadet id-deċiżjoni ta' rifjut fis-26 ta' Jannar, 2022, u r-rikorrent intavola l-appell tiegħu quddiem il-Bord fit-3 ta' Frar, 2022. Qalet ukoll li r-rikorrent naqas milli jinforma lill-Bord bid-data meta huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni tagħha. Identity Malta Agency spjegat li l-ittra ta' rifjut tagħha nħarġet abbażi tal-fatt li r-rikorrent ma kienx qiegħed f'Malta legalment, u dan bi ksur tas-sub-regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. L-intimata spjegat li filwaqt li l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat fil-15 ta' Mejju, 2021, huwa ressaq applikazzjoni ġdida għal *change of employer* fil-5 ta' Ottubru, 2021, jiġifieri aktar minn erba' xhur wara li l-impjieg tiegħu ġie tterminat. Qalet li minkejja t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, Identity Malta Agency ikkonċediet lir-rikorrent perijodu ta' għaxart ijiem li fihom huwa kellu jirrettifika l-pożizzjoni tiegħu billi jsib impjieg alternattiv, u jissottometti applikazzjoni ġdida, xi ħaġa din li baqgħet ma saritx, u għalhekk ir-rikorrent tilef l-i*status* legali li kien igawdi f'Malta. L-intimata spjegat li hija m'għandhiex il-

mansjoni tirregolarizza l-qagħda illegali tal-immigranti f'pajjiżna, u għalhekk hija ressqet il-każ tar-rikorrent quddiem l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, li wara li qies il-każ, baqa' ma rregolarizzax il-pożizzjoni tiegħu.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-20 ta' Ġunju, 2022, il-Bord iddeċieda li l-appell ippreżentat mir-rikorrent għandu jiġi milqugħ, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*1. **Preliminary***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision issued by Identity Malta Agency on 26th January, 2022, the appellant's application for a Single Permit had been rejected as the appellant was not in conformity with the dictates of Regulation 8 of S.L. 217.17;*

*Saw the appeal registered on 3rd February, 2022; and*

*Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 16th March, 2022.*

*2. **Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et** (decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Agency explained that the appellant was issued with a Single Permit to enable him to work for Poultons Limited on 6th May, 2021. However, this employment was*

*terminated on 15th May, 2021. Then, on 5th October, 2021, the appellant lodged a fresh Single Permit application. This application was rejected as prior to its admission, the appellant had been present in Malta without a permit for over four months.*

*The appellant filed an appeal in which he explained that after just one week of employment, Poultons Limited instructed him not to report for work as due to the pandemic, they had an insufficient workload. He stated that the company assured him that it would send for him when its workload increased. The appellant stated that it was only after four months had passed that he learned from Identity Malta Agency that his employment had been terminated. After learning of this, he went to JobsPlus and learned that Poultons Limited completed the relative termination of employment form and submitted it to JobsPlus without his signature. He stated that it was only on 29th September, 2021 that Jobsplus sent him an email which indicated the date of his termination as 7th July, 2021.*

*The appellant stated that he was then offered employment by ACJ Cleaning and Hospitality Services Limited, which company proceeded to lodge a Single Permit application on his behalf, only to be met with the appealed decision.*

*The appellant submitted a copy of the relative termination of employment form. The Board is believing the appellant's version of events as it is true that the relative form was submitted without his signature (when the form specifically had a box with the terminated employee is required to sign). This means that he truly did not know that Poultons Limited had terminated his employment.*

*In such circumstances, the Board does not believe that the appellant should be penalised for the actions of his previous employer. It is evident that the appellant did not know and had no reason to believe or even suspect that his employment had been terminated.*

*Consequently, he cannot be deemed to be illegally present.*

***3. <u>Decision</u>***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board, after having taken cognizance of the circumstances, revokes the Agency's decision and accepts the appellant's appeal.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

**L-Appell**

5. L-appellanta ressqet l-appell tagħha mid-deċiżjoni appellata fit-30 ta' Ġunju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassarha u tirrevokaha u tikkonferma d-deċiżjoni ta' Identity Malta Agency tat-2 ta' Frar, 2022, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

6. L-appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata għaliex it-terminu impost fl-artikolu 25A (7) tal-Kap. 217 ma ġiex rispettat u għalhekk kien hemm tardività tal-appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. Qalet li l-appell tal-appellat kellu jiġi ppreżentat fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-deċiżjoni li tkun soġġetta għall-appell, u fil-każ odjern id-deċiżjoni ngħatat fis-26 ta' Jannar, 2022, iżda l-appell ġie ppreżentat fit-3 ta' Frar, 2022. Qalet li minkejja li hija qajmet din l-eċċezzjoni quddiem il-Bord, dan baqa' ma ħax konjizzjoni tagħha fid-deċiżjoni tiegħu.

7. It-tieni aggravju tal-appellanta huwa li fid-deċiżjoni appellata sar apprezzament żbaljat tal-liġi, senjatament tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 u tad-data tal-applikazzjoni. Qalet li hija ma setgħet qatt tilqa' l-applikazzjoni tal-appellat għaliex ir-Regolament 8(1)(ċ) tal-L.S. 217.17 li ttraspona d-Direttiva 2011/98/UE dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, jipprovdi li l-applikant irid ikun qiegħed jirrisjedi fl-Istat Membru legalment sabiex jippreżenta applikazzjoni. Qalet li hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregolarizza l-istat illegali

ta' immigrant, u għalhekk irreferiet il-każ quddiem l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, iżda dan tal-aħħar ma qiesx il-każ tal-appellat favorevolment, u l-pożizzjoni tiegħu baqgħet ma ġietx regolarizzata minnu. Qalet li għalhekk lilha rriżultalha li l-applikazzjoni tressqet minn ċittadin terz li jinsab hawn Malta illegalment, u peress li la l-liġi Maltija u lanqas id-Direttiva Ewropea 2011/98/UE ma jagħtu eżenzjoni minn din ir-regola, Identity Malta Agency kienet korretta meta ma aċċettatx l-applikazzjoni tal-appellat.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellanta, iżda tħalla jressaq nota ta' osservazzjonijiet tiegħu. L-appellat sostna li l-appell intavolat mill-appellanta huwa inammissibbli, u dan għaliex l-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li d-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali ħlief għar-rigward ta' punti ta' dritt deċiżi mill-Bord rigward deċiżjonijiet bħal dawk li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III. Qal li huwa ma jaqax taħt din it-Taqsima għaliex huwa la huwa ċittadin ta' Stat Membru u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' Stat li huwa marbut bi Ftehim dwar Fruntiera.

9. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li huwa ġie mgħarraf bid-deċiżjoni ta' rifjut tal-appellanta fl-1 ta' Frar, 2022 mill-kumpannija ACJ Cleaning and Hospitality Services Limited, minn fuq l-*online portal* li jista' jiġi aċċessat biss mill-prinċipal prospettiv. Qal li minkejja li l-ittra ta' rifjut fiha l-indirizz tiegħu, huwa ma rċeviex kopja tal-istess deċiżjoni fl-indirizz tiegħu. L-appellat qal li t-terminu ta' tliet ijiem lavorattivi stabbilit fl-

artikolu 25A (7) tal-Kap. 217 għandu jibda jiddekorri biss ladarba l-appellat isir jaf bid-deċiżjoni. Qal li l-appellanta kellha tieħu ħsieb li tibgħat korrispondenza ta' ċerta portata bil-posta reġistrata u/jew b'kull mod ieħor li bih hija setgħet tassigura li l-applikant ikun irċieva l-komunikazzjoni mibgħuta lilu. Qal li ladarba ma nġabet l-ebda prova ta' dan, l-ewwel aggravju tal-appellanta għandu jiġi miċħud.

10. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li hija Identity Malta Agency li qegħda tagħmel apprezzament żbaljat tal-liġi, u dan għaliex ir-Regolament 8(b) jipprovdi li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' jissottometti l-applikazzjoni mit-territorju Malti. Qal li dan is-subinċiż mhux ikkwalifikat bil-frażi "legalment preżenti", u li kieku l-leġislatur ried li applikazzjonijiet mit-territorju Malti jiġu sottomessi biss jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun jinsab preżenti fih legalment, kien jipprovdi għal hekk speċifikatament. L-appellat qal li għalhekk l-appellanta hija skorretta fejn tgħid li hija ma setgħet qatt tilqa' l-applikazzjoni magħmula minnu. Qal ukoll li huwa ferm stramb kif l-appellanta tieħu din il-pożizzjoni, meta kien hemm drabi fejn ingħataw konċessjonijiet lil persuni fl-istess sitwazzjoni tiegħu. L-appellat qal li lanqas ma nġabet prova li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ħa d-deċiżjoni li ma jirregolarizzax il-pożizzjoni tiegħu.

11. L-appellat qal li minkejja li l-appellanta tgħid li hija m'għandhiex il-mansjoni tirregolarizza l-pożizzjoni irregolari tal-applikanti, id-deċiżjoni meħuda hija waħda nieqsa mir-raġonevolezza u l-proporzjonalità, u bl-ebda mod ma tieħu konsiderazzjoni tad-dimensjoni umana, li huwa element importanti ferm f'każijiet bħal dawn. L-appellat qal li għandu jirriżulta li huwa ilu jgħix Malta mis-

sena 2019, u li huwa stabbilixxa r-residenza tiegħu hawn Malta, filwaqt li qatt ma kellu problemi bil-pożizzjoni tal-immigrazzjoni tiegħu f'Malta. Qal li kien biss meta huwa beda jaħdem ma' Poultons Limited li nqalgħet sitwazzjoni mingħajr preċedent, jiġifieri l-pandemija, li wasslet biex ħafna ħwienet ingħalqu, u oħrajn bdew joperaw b'mod limitat. Qal li huwa kien ġie infurmat li kien minħabba fl-effetti tal-pandemija li x-xogħol tal-kumpannija Poultons naqas drastikament. Qal li minkejja li ġiet ippreżentata t-*termination of employment form* lill-Aġenzija JobsPlus, din kellha element kruċjali nieqes, il-firma tiegħu. Iżda minkejja dan l-Aġenzija JobsPlus xorta waħda ddeċidiet li tilqa' l-formola tat-terminazzjoni tiegħu bħala waħda valida. Qal li huwa qatt ma ġie infurmat li l-permess ta' residenza tiegħu kien qiegħed jiġi revokat, u huwa baqa' dejjem taħt l-impressjoni li s-soġġorn tiegħu f'Malta kien wieħed legali u regolari. Qal li kien biss meta huwa sab opportunità ta' impjieg ieħor mal-kumpannija ACJ Cleaning and Hospitality Services Limited li huwa ġie mgħarraf b'dawn l-iżviluppi importanti għalih. Qal ukoll li matul dan il-perijodu, huwa kellu jaffaċċja sfidi partikolari sabiex ifittex opportunitajiet ta' xogħol alternattivi, u huwa m'għandu jġorr l-ebda tort għan-nuqqasijiet tal-appellanta, li ħarġet ittra bir-revoka tal-permess ta' residenza tiegħu, liema ittra baqgħet qatt ma ġiet notifikata lilu. Qal li fi kwalunkwe każ perijodu ta' għaxart ijiem sabiex wieħed ikun jista' jirregolarizza s-soġġorn tiegħu ġewwa Malta huwa wieħed qasir wisq, meta wieħed jikkonsidra d-dewmien li jieħdu l-aġenziji biex jipproċessaw l-applikazzjonijiet li jkollhom quddiemhom, fil-każ odjern minn Ottubru 2020 sa Jannar 2021.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

12 . Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċida l-Bord, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat fin-nota tiegħu. Iżda qabel tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellanta, il-Qorti sejra tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni preliminari mqajjma mill-appellat, fejn qiegħed jgħid li r-rikors tal-appell huwa null minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217. L-appellat jgħid li ladarba huwa mhux persuna li taqa' taħt it-Taqsima III tal-Att, l-appell tal-appellanta fil-konfront tiegħu mhuwiex ammissibbli. L-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 jipprovdi li:

> "Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali ħlief għar-rigward ta' punti ta' dritt deċiżi mill-Bord rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III, li minnhom jista' jkun hemm appell fi żmien għaxart ijiem quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri)."

13. Il-Qorti tqis li dan l-argument tal-appellat huwa pjuttost pwerili, partikolarment meta fid-difiża tiegħu huwa jgħid li jinsab fit-territorju Malti, Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, b'mod leġittimu, u għalhekk huwa persuna li jaqa' taħt is-subinċiż 4A (1)(ċ) tat-Taqsima III. Ma jistax l-appellat jibni d-difiża tiegħu madwar l-argument li huwa qiegħed f'Malta b'mod leġittimu, iżda imbagħad jgħid li huwa mhuwiex persuna li jaqa' taħt it-Taqsima III tal-Att. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni preliminari qegħda tiġi miċħuda.

*L-ewwel aggravju:* *[it-tardività tal-appell imressaq quddiem il-Bord]*

14. L-appellanta tgħid li l-appell tar-rikorrent, hawnhekk l-appellat, ma messux ġie milqugħ mill-Bord minħabba t-tardività tiegħu, ladarba dan l-appell ġie ippreżentat aktar minn tliet ijiem ta' xogħol wara d-deċiżjoni tagħha. Qalet li filwaqt li d-deċiżjoni tagħha ngħatat fis-26 ta' Jannar, 2022, l-appell tal-appellat tressaq fit-3 ta' Frar, 2022, u għalhekk kienu laħqu għaddew it-tliet ijiem ta' xogħol entro liema l-appellat kellu jdaħħal ir-rikors tal-appell tiegħu, u qalet li għalhekk il-Bord kellu jqis l-appell ippreżentat mill-appellat bħala tardiv. Hawnhekk għandu jingħad li l-appellanta ma ressqet l-ebda prova dwar il-ġurnata meta saret in-notifika tal-ittra ta' rifjut tagħha lill-appellat, u l-appellat qal li huwa sar jaf b'din l-ittra ta' rifjut mingħand il-prinċipal prospettiv tiegħu wara li ssottometta applikazzjoni ġdida għal *change of employer,* fl-1 ta' Frar, 2022. Din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn tiddubita minn dak li qiegħed jgħid l-appellat. Diġà kien hemm okkażjonijiet oħra fejn din il-Qorti qalet li n-notifiki ta' ittri dwar materja daqstant importanti għall-applikanti, għandha ssir b'mezz li jista' jiġi intraċċat, bħall-posta reġistrata. L-appellanta ma tużax mod kif tassigura li d-deċiżjoni tagħha fil-fatt waslet għand l-appellat, u dan meta t-terminu li fih irid jitressaq appell minn tali deċiżjoni huwa daqstant qasir. Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax tilqa' l-aggravju tal-appellanta li l-appell intavolat mill-appellat quddiem il-Bord kien *fuori termine,* u dan fin-nuqqas ta' prova dwar id-data meta l-appellat ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-appellanta. Għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[apprezzament żbaljat tal-liġi – Regolament 8(1)(ċ) L.S. 217.17]*

15. L-appellanta tgħid li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi għaliex dan kellu jqis li l-appellat ma kienx qiegħed leġittimament fit-territorju ta' Stat Membru *ai termini* tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li hija l-liġi applikabbli. Qalet li ladarba l-impjieg tal-appellat ġie tterminat fil-15 ta' Mejju, 2021, minkejja li d-dokument tal-JobsPlus jindika d-data tas-7 ta' Lulju, 2021 bħala d-data li fiha ntemm l-impjieg tal-appellat, dan ifisser li l-permess ta' residenza li kien validu għall-perijodu bejn it-22 ta' April, 2021 u s-6 ta' Mejju, 2022, ma baqax aktar validu wara li l-impjieg tal-appellat intemm. Qalet ukoll li ladarba l-appellat naqas milli jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, huwa kellu jitqies li qiegħed fit-territorju Malti b'mod illeġittimu u li huwa immigrant ipprojbit.

16. Il-Qorti kkonsidrat li mill-provi miġjuba jirriżulta li l-appellat kien ilu jgħix f'Malta b'mod leġittimu mis-sena 2019, u li huwa dejjem kien kopert bil-permessi meħtieġa biex ikun jista' jgħix f'Malta. Għandu jirriżulta li kien biss meta l-impjieg tal-appellat ġie tterminat minħabba nuqqas ta' xogħol, li l-permess uniku li huwa kellu ġie invalidat. Il-Qorti tirrileva li kien hemm żmien meta l-appellanta kienet tikkonċedi perijodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol *ex gratia*, liema terminu ma joħroġ minn ebda liġi, sabiex l-individwu jkun jista' jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu billi jsib impjieg ġdid u jissottometti d-dokumentazzjoni neċessarja sabiex l-appellanta tkun tista' toħroġlu permess ġdid. Jekk l-individwu jonqos li jagħmel dan fit-terminu *ex gratia* ta' għaxart ijiem, huwa jibda jitqies li hwau immigrant ipprojbit u għalhekk ikun mistenni li jħalli Malta minnufih. L-appellat spjega li huwa kellu diversi diffikultajiet biex isib impjieg alternattiv, partikolarment għaliex fiż-żmien li fih l-impjieg tiegħu

ġie tterminat, Malta u l-bqija tad-dinja, kien għaddejjin mill-konsegwenzi li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19, u għalhekk ma kienx faċli għalih li jsib impjieg ieħor. Il-problemi għall-appellat kibru wara li sab impjieg alternattiv, u beda l-proċess tal-applikazzjoni l-ġdida tiegħu mal-appellanta, meta huwa ġie infurmat mill-prinċipal prospettiv li l-applikazzjoni li saret f'ismu ma kinitx ser tiġi pproċessata għaliex huwa kien qiegħed jitqies li huwa immigrant ipprojbit.

17. F'kazijiet ta' din ix-xorta l-Qorti tisħaq fuq id-dimensjoni umana u d-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom applikanti bħall-appellat meta f'salt wieħed isibu ruħhom mingħajr impjieg, f'temp qasir ta' żmien huma mistennija li jsibu impjieg alternattiv, u din it-tellieqa kontra l-ħin jaf ikollha l-konsegwenza li huma jintalbu jħallu pajjiżna, il-pajjiż li huma jikkonsidraw bħala t-tieni dar tagħhom, u jirritornaw lejn pajjiżhom li jinsab in-naħa l-oħra tad-dinja, sempliċiment għaliex xi ħadd iddeċieda li t-terminu li għandu jingħata biex dawn jirregolarizzaw ruħhom għandu jkun ta' għaxart ijiem, u mhux iżjed. Din il-Qorti stqarret kemm-il darba permezz tas-sentenzi tagħha li dan it-terminu konċess huwa wieħed qasir wisq biex persuna ssib impjieg alternattiv, tiġbor id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, u ssib prinċipal dispost li jissottometti l-applikazzjoni tagħha fuq l-*online portal* tal-appellanta. Għalkemm l-appellanta ssostni li f'każijiet bħal dawn l-individwu huwa meqjus li huwa l-applikant, fil-prattika huwa fatt magħruf li l-aċċess għall-*online portal* huwa mogħti esklussivament lill-prinċipal prospettiv u lil ħadd aktar. Il-Qorti f'każijiet bħal dawn dejjem tikkonsidra li fattur determinanti dwar jekk deċiżjoni appellata hijiex ġusta jew le għandu jkun ir-raġonevolezza tad-deċiżjoni mogħtija, u d-dimensjoni umana tal-każ. Il-konċessjoni ta' għaxart ijiem mhijiex waħda li

tagħmel sens f'ċirkostanzi normali, aħseb u ara ta' pandemija. Fil-każ odjern, il-Qorti għandha quddiemha persuna li għamlet l-almu kollu tagħha biex tirregolarizza l-qagħda tagħha f'Malta, biex issib impjieg alternattiv f'xenarju fejn fil-pajjiż kien hawn opportunitajiet limitati minħabba nuqqas ta' turisti u l-impatt li ħalliet il-pandemija fuq diversi negozji. Qieset ukoll li l-appellat ilu jgħix f'Malta għal diversi snin, u jikkonsidra lil Malta bħala l-pajjiż tar-residenza tiegħu.

18. Il-Qorti għalhekk ma tarax li hija raġonevoli l-aspettattiva tal-appellanta li biex l-appellat ikun meqjus li qiegħed hawnhekk b'mod leġittimu, dan għandu joħroġ miż-Żona Schengen, jitlaq lura lejn pajjiżu, u jissottometti applikazzjoni ġdida minn hemmhekk, partikolarment meta wieħed iqis l-ispejjeż ta' vjaġġar u problemi loġistiċi oħra li persuni fil-qagħda tal-appellat iridu jħabbtu wiċċhom magħhom. M'hemm xejn fl-interpretazzjoni tal-liġi mill-appellanta li huwa raġonevoli f'dan kollu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li anki dan l-aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu ukoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-appellanta, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**